# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DIGRIET

**Kaz Numru 3542 JHP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Gilbert Scerri ID No 464977M**

**u**

**Malta Freeport Terminals Ltd.**

**dwar tkeccija ingusta mill-impieg allegata li hi ngusta**

**Illum l-Erbgha 20 ta' Settembru 2017**

1. **Dahla:**
   Nhar l-Erbgha 3 ta' Mejju 2017 fil-Qrati Superjuri, fil-bidu ta' l-ewwel seduta l-Avukat Joe Zammit Maempel, f'isem is-socjeta` intimata, ghamel talba lic-Chairman biex jirrikuza lilu nnifsu.

2. **Verbali tal-Partijiet:**

   2.1 L-Avukat Joe Zammit Maempel ghas-Socjeta intimata talab ir-rikuza tal persuna li tokkupa s-sedja f'dan il-kaz, minhabba li kellu kariga gholja, fil-passat, mal-General Workers Union u ir-rikorrent huwa membru tal-General Workers Union rapprezentat minn avukat ta' l-istess Union kif ukoll numru ta' xhieda indikati huma ukoll ufficjali tal-Union.

2.2 L-Avv. Carina Testa ghar-rikorrenti oggezzjonat ghat-talba maghmula minn Dr. Zammit Maempel ghas-socjeta intimata li ma hemm l-ebda raguni ghaj termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap 12 ta’ Ligijiet ta’ Malta li ghab-bazi taghha tista tintalab ir-rikuza.

**3 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali**

It-Tribunal Industrijali:

3.1 Ra l-verbali tal-partijiet, kif ukoll ha nota tal-kummenti addizzjonali li saru.

3.2 Ghamel riferenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, kif ukoll ghall-Art 734 (1)(e) tal Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li hu applikabbli ghat-Tribunal industrijali.

3.3 Ghamel riferenza ghall-processi quddiem it-Tribunal Industrijali fil-kazi numru 1,454, 1,583, 1,801, 1,776 u b’mod partikulari dak bin-numru 2,190 kollha presjeduti mill-istess persuna li fl-imghoddi kellha l-istess kwalita’ ta’ rabta ma’ wahda mill-partijiet fil-kwistjonijiet tax-xoghol imsemmija, bhal dik li kellha l-persuna li qieghda tippresjedi fil-kaz odjern.

**4 Digriet:**

Fid-dawl tar-rikjesta ghar-rikuza tac-Chairperson, dan it-Tribunal ra u fela bl-attenzjoni dovuta l-Artikli minn 733 sa 740 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’dan il-kuntest dan it-Tribunal ma jqiesx ir-raguni mqajjma bhala wahda sufficjenti sabiex jilqa t-talba rikjesta, u ghaldaqstant jordna il-prosegwiment ta’ dan il-kaz.

________________
James H Pearsall
Chairman